Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/2052(INI)

24.4.2025

EMENDI
1 - 348

Abbozz ta' rapport
Carmen Crespo Díaz
(PE770.187v01-00)

Il-futur tal-agrikoltura u l-politika agrikola komuni wara l-2027
(2025/2052(INI))

Emenda 1
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Artikoli 38 u 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jistabbilixxu l-politika agrikola komuni (PAK) u l-objettivi tagħha,	– wara li kkunsidra l-Artikoli ***13,*** 38 u 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jistabbilixxu l-politika agrikola komuni (PAK) u l-objettivi tagħha,

Or. en

Emenda 2
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jeħtieġ li l-ħtiġijiet għall-ħarsien tal-ambjent ikunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, partikolarment bl-għan li jinkoraġixxu żvilupp sostenibbli;

Or. en

Emenda 3
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– - wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-TFUE, li jirrikonoxxi li l-annimali

huma esseri li jħossu u jirrikjedi li l-benesseri tal-annimali jingħata kunsiderazzjoni sħiħa fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli tal-UE

Or. en

Emenda 4
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jafferma li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jagħtu konsiderazzjoni sħiħa tal-ħtiġijiet tal-benessri tal-annimali bħala esseri sensibbli,

Or. en

Emenda 5
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikolu 168 u 191 tat-TFUE dwar il-ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa,

Or. en

Emenda 6
Céline Imart, Paulo Do Nascimento Cabral, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni

Or. en

Emenda 7
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Ewrobarometru Speċjali 505 bit-titlu "Making our food fit for the future – Citizens' expectations" (Nagħmlu l-ikel tagħna adattat għall-ġejjieni – L-aspettattivi taċ-ċittadini),

Or. en

Emenda 8
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Ewrobarometru Speċjali 442 bit-titolu "Attitudes of Europeans towards Animal Welfare" (L-Attitudnijiet tal-Ewropej fir-rigward tat-Trattament Xieraq tal-Annimali), li kkonkluda li 82 % taċ-

ċittadini tal-UE jemmnu li l-benessri tal-annimali mrobbija fl-irziezet għandu jkun protett aħjar milli hu bħalissa,

Or. en

Emenda 9
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Istrateġiji mill-Għalqa sal-Platt u għall-Bijodiversità, u r-riżoluzzjonijiet rispettivi tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021 u tad-9 ta' Ġunju 2021,

Or. en

Emenda 10
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid,

Or. en

Emenda 11
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela,

Or. en

Emenda 12
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali,

Or. en

Emenda 13
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "End The Cage Age" (Tmiem l-Era tal-Gaġeġ) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021,

Or. en

Emenda 14
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu, "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025)0030),	***imħassar***

Or. en

Emenda 15
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-analiżi dwar iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, it-telf tal-valur reali u l-projezzjonijiet makroekonomiċi tal-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward tar-rati tal-inflazzjoni rreġistrati fiż-żona tal-euro,

Or. en

Emenda 16
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tal-

Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar Strateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza,

Or. en

Emenda 17
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 20/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni - Aktar ekoloġiċi iżda mingħajr konkordanza mal-ambizzjonijiet tal-UE għall-klima u għall-ambjent",

Or. en

Emenda 18
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2021 dwar pjan ta' kontinġenza biex jiġu żgurati l-provvista tal-ikel u s-sigurtà alimentari fi żminijiet ta' kriżi (COM(2021) 689 final),

Or. en

Emenda 19
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi l-grupp ta' esperti dwar il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Thejjija u ta' Rispons għal Kriżi tas-Sigurtà Alimentari (2021/C 461 I/01),

Or. en

Emenda 20
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar "It-titjib tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027: baġit tal-UE reżiljenti u adegwat għal sfidi ġodda",

Or. en

Emenda 21
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2022 dwar is-salvagwardja tas-

	sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel (COM(2022)0133),

Or. en

Emenda 22
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2022 bit-titolu "L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti" (COM(2022)0590),

Or. en

Emenda 23
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi tad-9 ta' Settembru 2024 dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea,	***imħassar***

Or. en

Emenda 24
Camilla Laureti, Dario Nardella, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-2024 tal-FAO dwar "The state of food and agriculture" (L-istat tal-ikel u tal-agrikoltura)[8a],
	[8a] FAO. 2024. The State of Food and Agriculture 2024 – Value-driven transformation of agrifood systems. Ruma. https://doi.org/10.4060/cd2616en

Or. en

Emenda 25
Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Enrico Letta ta' April 2024 dwar "Much more than a market – Speed, Security, Solidarity" (Ferm aktar minn suq – Veloċità, Sigurtà, Solidarjetà),

Or. en

Emenda 26
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 9a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Building the future with nature: Boosting Biotechnology and Biomanufacturing in

the EU" (Nibnu l-ġejjieni man-natura: nagħtu spinta lill-bijoteknoloġija u lill-bijomanifattura fl-UE),

Or. pt

Emenda 27
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika (COM(2021) 141),

Or. en

Emenda 28
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri 19/2024 Il-biedja organika fl-UE – Lakuni u inkonsistenzi jxekklu s-suċċess tal-politika,

Or. en

Emenda 29
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 20/2024 bit-titolu Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni – Aktar ekoloġiċi iżda mingħajr konkordanza mal-ambizzjonijiet tal-UE għall-klima u għall-ambjent,

Or. en

Emenda 30
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 23/2023 tal-QEA dwar l-inbid,

Or. en

Emenda 31
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-QEA 19/2023 - L-isforzi tal-UE għal ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija – Standards mhux ambizzjużi u mmirar limitat,

Or. en

Emenda 32
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (NEC),

Or. en

Emenda 33
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (WFD),

Or. en

Emenda 34
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (SUD),

Or. en

Emenda 35
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Mejju 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-iskema tal-frott, il-ħxejjex, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib għall-iskejjel prevista mir-Regolament dwar Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq [8] ,	***imħassar***

[8] Testi adottati, P9_TA(2023)0135.

Or. en

Emenda 36
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-3 ta' Mejju 2022 dwar strateġija mġedda għar-reġjuni ultraperiferiċi, bit-titolu "Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE",

Or. pt

Emenda 37
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Frar 2025 intitolata "Kif il-programmazzjoni tal-LEADER u tas-CLLD wara l-2027 tista' tikkontribwixxi għal implimentazzjoni aħjar tal-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE",

Or. en

Emenda 38
Norbert Lins

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2023 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti,

Or. en

Emenda 39
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju mitlub mill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Parlament bit-titolu "The future of the European Farming Model: Socio-economic and territorial implications of the decline in the number of farms and farmers in the EU" (Il-futur tal-Mudell Ewropew tal-Biedja: L-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi u territorjali tat-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u bdiewa fl-UE), ippubblikat mid-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni f'April 2022,

Or. en

Emenda 40
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2023 dwar il-valutazzjoni tal-komunikazzjoni l-ġdida tal-Kummissjoni dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi,

Or. pt

Emenda 41
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni

73/165 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar id-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bdiewa u nies oħra li jaħdmu f'żoni rurali (UNDROP), adottata fis-17 ta' Diċembru 2018,

Or. en

Emenda 42
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 34 (2016) tal-Kumitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa dwar id-drittijiet tan-nisa rurali, adottata fis-7 ta' Marzu 2016,

Or. en

Emenda 43
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2017 dwar pestiċidi b'riskju baxx ta' oriġini bijoloġika[12],
	Testi adottati, P8_TA(2017)0042

Or. en

Emenda 44
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna,

Or. en

Emenda 45
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport ta' valutazzjoni globali dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (Mejju 2019)[1a],
	[1a] IPBES (2019) Global assessment report on biodiversity and ecosystem services of the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services (Ir-rapport ta' valutazzjoni globali dwar il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi). E. S. Brondizio, J. Settele, S. Díaz, u H. T. Ngo (edituri). Segretarjat tal-IPBES, Bonn, il-Ġermanja

Or. en

Emenda 46
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 19a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra s-sejbiet tal-istudju ta' evalwazzjoni tal-2024 tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-iskemi ta' appoġġ tal-UE għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi (POSEI), li jikkonfermaw l-effikaċja u r-rilevanza ta' dan il-programm għas-sigurtà tal-ikel, għall-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika u għaż-żamma tal-attività agrikola f'reġjuni insulari u ultraperiferiċi partikolarment vulnerabbli,

Or. pt

Emenda 47
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 20/2024 tal-QEA: Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni – Aktar ekoloġiċi iżda mingħajr konkordanza mal-ambizzjonijiet tal-UE għall-klima u għall-ambjent",

Or. en

Emenda 48
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 13/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-5 ta' Ġunju 2020 bit-titolu "Bijodiversità agrikola: il-kontribuzzjoni mill-PAK ma waqqfitx it-tnaqqis",

Or. en

Emenda 49
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 16/2021 tal-QEA: "Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima: Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu",

Or. en

Emenda 50
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent bit-titlu "Transforming Europe's food system — Assessing the EU policy mix" (Trasformazzjoni tas-sistema alimentari tal-Ewropa — Valutazzjoni tat-taħlita ta' politiki tal-UE) tal-2022,

Or. en

Emenda 51
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni bit-titolu "The state of regions and cities in the European Union" (L-istat tar-reġjuni u tal-bliet fl-Unjoni Ewropea), tas-7 ta' Ottubru 2024,

Or. en

Emenda 52
Benoit Cassart, Elsi Katainen, Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, tad-19 ta' Frar 2024,

Or. en

Emenda 53
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 21a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Patt Rurali (RPCG) dwar il-futur taż-żoni rurali u l-politika ta' żvilupp rurali fl-Unjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2024,

Or. ro

Emenda 54
Benoit Cassart, Elsi Katainen, Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza tas-26 ta' Marzu 2025,

Or. en

Emenda 55
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 26a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-analiżi dwar iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, it-telf tal-valur reali, u l-projezzjonijiet makroekonomiċi tal-BĊE fir-rigward tar-rati tal-inflazzjoni rreġistrati fiż-żona tal-

euro,

Or. en

Emenda 56
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 26b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar is-suġġett "It-titjib tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027: baġit tal-UE reżiljenti u adegwat għal sfidi ġodda",

Or. en

Emenda 57
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -A (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-A. billi, l-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni huma - skont l-Artikolu 39 tat-TFUE - li żżid il-produttività agrikola billi tippromwovi l-progress tekniku, tiżgura livell ta' għajxien ġust għall-bdiewa, tiżgura d-disponibbiltà tal-provvisti u tiżgura li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli.

Or. en

Emenda 58
Sander Smit, Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-Aa. billi fl-2023, 9,5 % tal-popolazzjoni tal-UE ma setgħetx taffordja ikla li fiha laħam, ħut jew ekwivalenti veġetarjan kull jumejn; billi fil-livell nazzjonali, l-ogħla proporzjon ta' nies f'riskju ta' faqar li ma jaffordjawx ikliet bħal dawn ġie rreġistrat fis-Slovakkja (45,7 %), fl-Ungerija (44,9 %) u fil-Bulgarija (40,2 %)[1a];
	[1a] Il-Kummissjoni Ewropea. (it-12 ta' Lulju 2024). https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/w/ddn-20240712-1

Or. en

Emenda 59
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) ***hija politika fundamentali tal-UE u l-aktar waħda li ilha teżisti, u billi mill-1962 sarulha riformi kbar sabiex tadatta għall-bidliet soċjoekonomiċi u għall-ħtiġijiet tal-bdiewa, tal-agrikoltura u tal-forestrija;*** billi ***l-PAK*** hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE***, u anke fil-kontinwità taż-żoni rurali***;

Or. ro

Emenda 60
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE; ***jirrikonoxxi wkoll li l-PAK tikkontribwixxi għad-disponibbiltà ta' materja prima għal diversi applikazzjonijiet relatati mal-bijoekonomija, inkluż l-ikel, l-għalf u l-produzzjoni ta' materjali u prodotti kimiċi;***

Or. pt

Emenda 61
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-

reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE; ***billi sistemi tal-ikel sostenibbli huma pilastru ewlieni tas-sigurtà Ewropea u li kwalunkwe żieda fil-baġit tal-UE għad-difiża u s-sigurtà għandha tkun akkumpanjata minn żieda korrispondenti fil-finanzjament għas-sigurtà tal-ikel u l-agrikoltura;***

Or. en

Emenda 62
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE ***u hija*** ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija ***meqjusa bħala*** waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE***, filwaqt li n-natura, il-bijodiversità u klima tajba għas-saħħa huma fil-qalba tal-produzzjoni tal-ikel u għandhom jinżammu u jiġu rrestawrati permezz ta' miżuri politiċi b'saħħithom sabiex jiġu ggarantiti s-sigurtà tal-ikel u d-dritt għall-ikel fit-tul***;

Or. en

Emenda 63
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża ***u s-sovranità*** tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni ***fis-sigurtà tal-provvista*** tal-ikel, ***filwaqt li tiżgura*** l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija ***kif ukoll*** ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża***, is-sovranità*** tal-ikel ***u l-awtonomija strateġika*** tal-UE, bi rwol ewlieni ***fl-iżgurar tas-sigurtà*** tal-ikel, l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija***,*** ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE ***kif ukoll fil-kontribut għat-twaqqif u t-treġġigħ lura tat-telfien tal-bijodiversità, it-titjib tas-servizzi tal-ekosistema u l-preżervazzjoni tal-ħabitats u l-pajsaġġi kif stipulat fl-Artikolu 6(1), il-punt f, tar-Regolament (UE) Nru 2021/2115***;

Or. en

Emenda 64
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà ***u l-awtosuffiċjenza*** tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE; ***jiddispjaċih madankollu li thallew jiżviluppaw dipendenzi fuq inputs importati li jdgħajfu l-awtonomija tal-agrikoltura tal-UE;***

Or. en

Emenda 65
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE***, kif ukoll l-iżvilupp rurali li huwa prekundizzjoni ewlenija għal progress ekonomiku u soċjali ġust u teritorjalment bilanċjat***;

Or. en

Emenda 66
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE; ***; billi s-sistemi tal-ikel sostenibbli huma pilastru ewlieni tas-sigurtà Ewropea u jrid ikollhom finanzjament adegwat fis-seħħ.***

Or. en

Emenda 67
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni ***fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel***, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni ***fil-preżevazzjoni tal-pedamenti naturali tal-ħajja – il-klima, il-ħamrija, l-ilma, l-arja u d-diversità bijoloġika – u b'hekk qed tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel***, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;

Or. en

Emenda 68
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE ***fil-kwantità u l-kwalità u fi prezzijiet raġonevoli għall-konsumatur***;

Or. es

Emenda 69
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà ***u l-kompetittività*** tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;

Or. en

Emenda 70
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà ***u l-kompetittività*** tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;

Or. en

Emenda 71
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika ***globali*** fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika ***attwali u futura*** fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu u tal-forestrija kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;

Or. fr

Emenda 72
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu ***u tal-forestrija*** kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;	A. billi l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki stabbiliti sew tal-UE u hija ta' importanza strateġika globali fil-kuntest ġeopolitiku, fi ħdan id-difiża u s-sovranità tal-ikel tal-UE, bi rwol ewlieni fis-sigurtà tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà tas-settur agrikolu kif ukoll ir-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE;

Or. fr

Emenda 73
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;

Or. en

Emenda 74
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi r-riżorsi naturali (eż. il-klima, il-ħamrija, l-ilma, il-bijodiversità) bħala fatturi ewlenin tal-produzzjoni agrikola jeħtieġ li jiġu protetti u ppreżervati għall-ġenerazzjonijiet futuri b'tali mod li jkomplu jiżguraw provvista adegwata, ta' kwalità għolja u bi prezz raġonevoli ta' materja prima u ikel fit-terminu medju u fit-tul;

Or. en

Emenda 75
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-objettivi tal-PAK huma li tiżdied il-produttività agrikola, jiġu stabbilizzati s-swieq u jiġu żgurati l-provvisti bl-objettiv doppju li jiġi ggarantit introjtu sodisfaċenti għall-bdiewa kif ukoll prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi;

Or. fr

Emenda 76
Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddelimita sehem mill-baġit ġdid propost għad-difiża u s-sigurtà biex jiġi allokat direttament lill-Politika Agrikola Komuni, b'rikonoxximent tar-rwol vitali tagħha fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u t-trawwim ta' sistemi tal-ikel reżiljenti fi ħdan l-Unjoni;

Or. en

Emenda 77
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. Aa. billi l-objettivi tal-PAK huma li tiżdied il-produttività agrikola, jiġu stabbilizzati s-swieq u tiġi żgurata l-provvista, bl-objettiv doppju li jiġu żgurati

introjti sodisfaċenti għall-bdiewa u prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi;

Or. es

Emenda 78
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi madwar terz tal-baġit tal-UE huwa investit fil-PAK, hemm bżonn li jiġi żgurat li l-flus pubbliċi jikkontribwixxu għall-għanijiet pubbliċi u għal tranżizzjoni ġusta u ekoloġika tas-sistema tal-ikel tagħna, filwaqt li jitqiesu s-saħħa tal-bniedem, l-ambjent u s-saħħa u l-benesseri tal-annimali,

Or. en

Emenda 79
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi, fl-14 ta' Jannar 2025, 150 Rebbieħ tal-Premju Nobel u tal-Premju Dinji tal-Ikel ħarġu ittra miftuħa li fiha appellaw lill-mexxejja dinjija biex jagħtu prijorità b'mod urġenti lir-riċerka agrikola sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-ikel ta' madwar 9,7 biljun ruħ sal-2050 [1c];
	[1c] Ciechanover, A., Yonath, A. E., Riess, A. G., Adesina, A. A., Heeger, A., Fert, A., Leggett, A. J., Zeilinger, A., Patapoutian,

A., Warshel, A., McDonald, A. B., Hershko, A., Barish, B. C., Marshall, B. J., Kobilka, B. K., u oħrajn. (2025). Laureate letter 2025: Hunger's tipping point – An urgent call to transform food and nutrition security (Ittra tar-Rebbieħa tan-Nobel 2025: Punt kritiku għall-ġuħ – Sejħa urġenti għat-trasformazzjoni tas-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni).

Or. en

Emenda 80
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi s-sigurtà kontinwa tal-ikel tiddependi ħafna fuq l-investiment fl-adattament għall-klima, ir-reżiljenza, u l-awtonomija tal-bdiewa; billi agrikoltura kompetittiva hija agrikoltura adattata għall-klima;

Or. en

Emenda 81
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-Unjoni Ewropea mistennija tnaqqas il-produzzjoni agrikola jekk il-qafas ta' politika attwali jibqa' l-istess [1c]; u b'hekk jiżdiedu r-riskji ta' nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u ta' faqar tal-ikel fl-UE u jkompli jiggrava n-nuqqas ta' ikel madwar id-dinja, filwaqt li jiġi injorat il-

potenzjal agronomiku tagħhom;

[1c] Il-Kummissjoni Ewropea. (2024). EU agricultural outlook 2024-2035 (Il-perspettiva agrikola tal-UE 2024-2035). Id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. doi:10.2762/2329210.

Or. en

Emenda 82
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-bdiewa jesperjenzaw it-tibdil fil-klima direttament, filwaqt li r-raba' u l-produttività[1a] diġà qed jintilfu minħabba t-tibdil fil-klima, bidliet fiċ-ċiklu tal-ilma u żieda fid-dežertifikazzjoni, speċjalment iżda mhux biss fil-Mediterran;

[1a] Devot.A et al, 2023, Riċerka għall-Kumitat AGRI – The impact of extreme climate events on agriculture production in the EU (L-impatt ta' avvenimenti estremi tal-klima fuq il-produzzjoni agrikola fl-UE), Il-Parlament Ewropew, id-Dipartiment tal-Politika

Or. en

Emenda 83
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi s-settur tal-forestrija ma jaqax fil-kompetenza tal-Unjoni Ewropea iżda tal-Istati Membri;

Or. fr

Emenda 84
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi l-ilma, il-ħamrija ħajja u elementi oħra tal-bijodiversità funzjonali (bħall-bijota tal-ħamrija, il-pollinaturi, il-predaturi naturali tal-pesti, u speċi oħra ta' benefiċċju, elementi tal-pajsaġġ mhux tal-għelejjel bħal siġar, artijiet mistagħdra, għadajjar) huma essenzjali għas-sigurtà tal-ikel; billi dawn jiżguraw il-produttività, iċ-ċiklu tal-ilma u tan-nutrijenti, u jikkontribwixxu għad-difiża tal-għelejjel, filwaqt li jikkostitwixxu soluzzjonijiet ta' adattament għall-klima u riżorsi naturali rinnovabbli iżda li jistgħu jintilfu; billi huma fatturi tal-produzzjoni agrikola [1a] li jgħinu biex tiżdied l-awtonomija tal-bdiewa;
	[1a] Ref. TFUE Art.39.1.(a)

Or. en

Emenda 85
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi l-FAO-OECD tipproġetta żieda ta' 10 % fit-trobbija tal-annimali sal-2033 biex tiġi ssodisfata d-domanda globali dejjem tikber għall-proteini tal-annimali[1d]; billi l-ekonomista ewlieni tal-aġenzija tal-ikel tan-NU, Maximo Torero, jappella biex il-produzzjoni tal-bhejjem tiġi intensifikata "f'postijiet rilevanti", filwaqt li jsemmi n-Netherlands u New Zealand bħala eżempji.[1p]
	[1d] OECD/FAO (2024), OECD-FAO Agricultural Outlook 2024-2033 (Perspettiva agrikola tal-OECD-FAO 2024-2033), OECD Publishing, Pariġi/FAO, Ruma, https://doi.org/10.1787/4c5d2cfb-en.
	[1p] Savage, S. (L-10 ta' Diċembru 2023). Ramp up meat production to address health challenge in poorer countries, UN says (Saħħu l-produzzjoni tal-ikel biex tindirizzaw l-isfida tas-saħħa f'pajjiżi ifqar, tgħid in-NU). Financial Times. https://www.ft.com/content/2eb93884-0aa3-4590-98ec-5b15cc1d9f44

Or. en

Emenda 86
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. Filwaqt li r-raba' hi meqjusa ta' importanza strateġika, il-Kummissjoni hi mitluba tieħu miżuri biex tippreżerva raba' suffiċjenti għas-sovranità alimentari Ewropea.

Or. en

Emenda 87
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi ***b'mod aktar effiċjenti*** għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, ***tibdil*** fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata***, filwaqt li jinżammu l-objettivi tagħha f'termini ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika,*** sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi ***aħjar*** għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, ***mitigazzjoni u adattament għat-tibdil*** fil-klima, ***tweġib għall-kriżijiet ambjentali, preżervazzjoni tal-bijodiversità,*** żvilupp rurali, saħħa pubblika u ***impjiegi ta' kwalità***, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda; ***billi huwa essenzjali li din il-modernizzazzjoni tiddedika l-fondi tal-PAK lil dawk li l-aktar jeħtiġuhom, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jinsabu f'żoni interni u rurali, il-bdiewa żgħażagħ u nisa, u dawk li jadottaw prattiki sostenibbli;***

Or. en

Emenda 88
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi

b’mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f’termini ta’ sigurtà u kwalità tal-ikel, ***tibdil*** fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	b’mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f’termini ta’ sigurtà u kwalità tal-ikel, ***mitigazzjoni tat-tibdil*** fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda; ***billi l-politiki tal-agrikoltura u tal-ikel tal-UE jeħtieġ li jiġu ttrasformati radikalment biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli f’konformità mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew għal ekonomija tal-UE newtrali għall-klima fl-2050; billi s-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni ma għandhomx jirriżultaw fit-tnaqqis tal-istandards ambjentali;***

Or. en

Emenda 89
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista’ jirrispondi b’mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f’termini ta’ sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata***, filwaqt li żżomm l-ispeċifitajiet u l-istruttura tagħha, il-koerenza u l-komplementarjetà bejn iż-żewġ pilastri, wieħed b’pagamenti diretti lill-bdiewa ffinanzjati bis-sħiħ mill-UE u ieħor għall-iżvilupp rurali kofinanzjat mill-Istati Membri,*** sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista’ jirrispondi b’mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f’termini ta’ sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;

Or. it

Emenda 90
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, ***preżervazzjoni tar-riżorsi naturali għall-produzzjoni,*** tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda ***mingħajr ma jitbaxxew l-istandards importanti fl-oqsma tal-ħarsien tal-ambjent u tal-konsumatur, il-benesseri tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel***;

Or. en

Emenda 91
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ***ssimplifikata*** u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, ***tibdil fil-klima***, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ***ekoloġizzata, adattata*** u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi ***tax-xjenza u*** tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, ***protezzjoni tal-klima, restawr tan-natura***, żvilupp rurali, ***prevenzjoni tat-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma,*** saħħa pubblika***, saħħa u benesseri tal-annimali,*** u impjiegi, u

jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi ***mingħajr ma jiġu kompromessi l-għanijiet tagħha msemmija hawn fuq,*** u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;

Or. en

Emenda 92
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, ***ambjent, bijodiversità,*** tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika ***speċjalment is-saħħa fiżika u mentali tal-bdiewa, ħaddiema tal-azjendi agrikoli u l-komunitajiet tagħhom, benesseri tal-annimali*** u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;

Or. en

Emenda 93
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-

bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda; ***billi huwa fundamentali li tinżamm l-istruttura attwali ta' żewġ pilastri tal-PAK u li tissaħħaħ il-koerenza u l-komplementarjetà tagħha;***
	Or. en

Emenda 94
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid ***tiġi ssimplifikata*** u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid ***tavvanza fis-simplifikazzjoni*** u ***tkompli tiġi*** mmodernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, ***konservazzjoni tar-riżorsi,*** żvilupp rurali***, reżiljenza tal-ilma, tiġdid ġenerazzjonali u ugwaljanza bejn il-ġeneri***, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;
	Or. es

Emenda 95
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u ***modernizzata*** sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, ***tibdil*** fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u ***tittejjeb*** sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà ***u l-ħtiġijiet taċ-ċittadini Ewropej,*** f'termini ta' sigurtà***, sikurezza*** u kwalità tal-ikel, ***adattament u mitigazzjoni tat-tibdil*** fil-klima, żvilupp rurali***, protezzjoni tar-riżorsi naturali***, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;

Or. en

Emenda 96
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, ***tibdil*** fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata ***mingħajr ma jiġu kompromessi l-istandards*** sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, ***ċertezza tal-provvista, mitigazzjoni tat-tibdil*** fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;

Or. en

Emenda 97
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda ***u l-għoti ta' aktar ċertezza lill-bdiewa għan-negozji tagħhom***;

Or. en

Emenda 98
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, ***tibdil*** fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, ***mitigazzjoni tal-effetti negattivi tat-tibdil*** fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda; ***;***

Or. en

Emenda 99
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata, ***issir aktar flessibbli*** u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda ***u futuri***;

Or. ro

Emenda 100
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali ***u żoni rurali li jiffjorixxu***, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;

Or. en

Emenda 101
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, ***standard tal-għajxien ġust,*** żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;

Or. en

Emenda 102
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi ***b'mod aktar effiċjenti*** għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, ***u*** jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid ***tissaħħaħ,*** tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi ***b'mod aktar adegwat*** għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, ***filwaqt li*** jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;

Or. en

Emenda 103
Marion Maréchal, Sergio Berlato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà***, tikkettar*** u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;

Or. en

Emenda 104
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy, Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, ***tibdil fil-klima,*** żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu u tal-forestrija tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;

Or. fr

Emenda 105
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu ***u tal-forestrija*** tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;	B. billi l-PAK trid tiġi ssimplifikata u modernizzata sabiex is-settur agrikolu tal-UE jkun jista' jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-aspettattivi tas-soċjetà f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, tibdil fil-klima, żvilupp rurali, saħħa pubblika u impjiegi, u jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiġi ffaċilitat l-adattament tagħha għas-sfidi l-ġodda;

Or. fr

Emenda 106
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-PAK tiġbor il-legat tal-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u l-kriżijiet sistemiċi reċenti marbuta mal-faġi ta' wara l-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna, filwaqt li tiddefinixxi l-ħtieġa li jiġi bbilanċjat l-objettiv tas-sostenibbiltà permezz ta' tliet linji gwida sinerġiċi li għandhom impatt pożittiv fuq l-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà;

Or. it

Emenda 107
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-Kummissjoni jeħtiġilha

	tiżgura, fil-qafas tal-PAK b'approċċ ibbażat fuq l-objettivi, is-sempliċità tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri, kif ukoll l-obbligu tal-koordinazzjoni u t-tixrid tal-aħjar prattiki amministrattivi qabel l-approvazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali, biex b'dan il-mod jiġi żgurat approċċ wieħed għal kulħadd li ma jkunx ta' żvantaġġ għall-bdiewa fir-reġjuni speċifiċi;

Or. it

Emenda 108
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem, kif ukoll għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 109
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti ***kemm*** għall-ħtiġijiet ***tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u*** dawk li jrabbu l-bhejjem, kif ukoll ***għal dawk taċ-ċittadini***	C. ***billi, skont l-Ewrobarometru tal-2024 dwar "L-Ewropej, l-Agrikoltura u l-PAK", il-perċentwal ta' Ewropej li jaqblu li l-PAK hija ta' benefiċċju għaċ-ċittadini Ewropej kollha u mhux biss għall-bdiewa huwa fl-anqas livell tiegħu mill-2017, iżda***

Ewropej kollha;

sebgħa minn kull għaxar Ewropej għadhom jaqblu ma' din id-dikjarazzjoni;; billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti għall-ħtiġijiet ***tal-bdiewa,*** dawk li jrabbu l-bhejjem, kif ukoll ***in-nies kollha li jgħixu fl-Unjoni Ewropea***;

Or. en

Emenda 110
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem, ***kif ukoll*** għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;	C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK***, b'arkitettura ċara u notevolment aktar sempliċi sabiex jiġi żgurat li l-burokrazija titnaqqas, filwaqt li fl-istess ħin tiżdied b'mod sinifikanti l-enfasi fuq ir-remunerazzjoni tal-beni pubbliċi,*** sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem, ***iżda fuq kollox*** għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;

Or. en

Emenda 111
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi jeħtiġilna ***nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li*** ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti ***kemm***	C. billi jeħtiġilna ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti ***kemm*** għall-ħtiġijiet ***tal-bdiewa,*** għal dawk taċ-

għall-ħtiġijiet ***tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem, kif ukoll*** għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;

ċittadini Ewropej kollha***, u għad-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-annimali, peress li l-produzzjoni agrikola industrijali u orjentata lejn l-esportazzjoni tal-UE bħalissa ma taqdix l-interessi tal-bdiewa fuq skala żgħira u medja u hija ta' ħsara għall-ambjent, il-bijodiversità, is-saħħa tal-bniedem u l-benesseri tal-annimali***;

Or. en

Emenda 112
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem, kif ukoll għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;	C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem, kif ukoll għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha ***filwaqt li jiġi rikonoxxut ukoll li l-PAK ma tistax titqies b'mod iżolat mis-suq globali tal-ikel u l-isfidi li huma mistennija fid-deċennji li ġejjin***;

Or. en

Emenda 113
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti ***kemm*** għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, ***jiġifieri l-bdiewa*** u ***dawk li jrabbu l-***	C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, ***il-bdiewa*** u ***ċ-ċittadini*** Ewropej kollha***, kif***

bhejjem, kif ukoll għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;	***ukoll għall-benesseri tal-annimali mrobbija fl-irziezet, il-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-ilħuq tal-għanijiet tal-politika tal-UE dwar il-klima***;

Or. en

Emenda 114
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti ***kemm*** għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem, ***kif ukoll għal dawk*** taċ-ċittadini Ewropej kollha;	C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem, ***li t-talba tagħhom għal PAK aktar sempliċi u orjentata lejn l-appoġġ tal-introjtu hija appoġġata mill-maġġoranza*** taċ-ċittadini Ewropej kollha;

Or. en

Emenda 115
Barry Cowen, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem, kif ukoll għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;	C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem ***li huma attivi u kummerċjali***, kif ukoll għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;

Or. en

Emenda 116
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ***jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa*** li ***ntejbu*** l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem, kif ukoll għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;	C. billi ***huwa meħtieġ*** li ***tkompli tittejjeb il-PAK*** sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem, kif ukoll għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;

Or. es

Emenda 117
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem, kif ukoll għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;	C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem ***li huma attivi***, kif ukoll għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;

Or. en

Emenda 118
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa ***u dawk li jrabbu l-bhejjem***, kif ukoll għal dawk taċ-ċittadini Ewropej kollha;	C. billi jeħtiġilna nikkonstataw b'mod neċessarju l-ħtieġa li ntejbu l-PAK sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tar-riċevituri ewlenin tagħha, jiġifieri l-bdiewa, kif ukoll għal dawk ***tal-ħaddiema fis-settur u*** taċ-ċittadini Ewropej kollha;

Or. en

Emenda 119
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-PAK teħtieġ li tiġi ssimplifikata b'mod sinifikanti, inkluż sistema ta' applikazzjoni simplifikata u ċċarata għall-bdiewa, minflok rekwiżiti ta' ġestjoni granulari wisq u li xi kultant ma jaqblux; għandha tingħata prijorità lir-responsabbiltà personali, filwaqt li titrawwem atmosfera ta' fiduċja u kooperazzjoni bejn il-bdiewa u l-gvern, filwaqt li min-naħa l-oħra l-bdiewa jrid ikollhom għarfien espert aġġornat fil-biedja sostenibbli sabiex jissodisfaw din ir-responsabbiltà;

Or. en

Emenda 120
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-PAK tirrifletti d-diversità tar-reġjuni, it-tradizzjonijiet u s-sistemi agrikoli Ewropej, bil-firxa wiesgħa ta' strutturi tal-azjendi agrikoli, it-tipi ta' biedja u l-firxiet ta' prodotti tagħhom, u hi bbażata fuq il-mudell agrikolu Ewropew, li huwa msejjes fuq il-kunċett tal-multifunzjonalità u l-provvista ta' beni pubbliċi mill-agrikoltura;

Or. en

Emenda 121
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-ħtiġijiet emerġenti u kompetittivi tal-baġit tal-UE jissuġġerixxu effiċjenza fir-riżorsi tal-PAK, bl-opportunità li jitnaqqas approċċ kompensatorju u li jkun fil-mira wieħed ta' inċentiv għall-bdiewa u għall-SMEs li jinvestu fl-agrikoltura riġenerattiva, sostenibbli u reżiljenti;

Or. it

Emenda 122
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-aġenda ta' deregolarizzazzjoni li fetħet fl-1992 ma laħqitx objettivi mnaqqsa f'termini ta'

stabbiltà tas-suq, dawk soċjali u ambjentali iżda wkoll f'dawk diplomatiċi bl-imblokk tal-multilateraliżmu sa mill-2008;

Or. fr

Emenda 123
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi hemm bżonn li jiġi żgurat li l-PAK ta' wara l-2027 tippermetti lill-bdiewa jittrasformaw il-mudell ta' produzzjoni tagħhom f'konformità mal-limiti planetarji,

Or. en

Emenda 124
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-kriżi tal-COVID-19, bħall-bidu tal-gwerra fl-Ukrajna, enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu żgurati l-provvisti tal-ikel, u biex jinkiseb dan, trid tissaħħaħ is-sovranità Ewropea tal-ikel billi jinkiseb il-poter tal-użu ta' għodod effettivi biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel f'termini ta' kwantità, disponibbiltà, aċċess u stabbiltà għall-Ewropej;

Or. fr

Emenda 125
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi l-inflazzjoni tal-ikel laħqet kważi 25 % fl-Unjoni Ewropea bejn l-2022 u l-2023 b'massimu ta' 50 % f'ċerti pajjiżi li kellha konsegwenzi ekonomiċi u soċjali kbar u li fakkret li l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet agrikoli hija indispensabbli għall-istabbiltà makroekonomika u s-sigurtà ekonomika;

Or. fr

Emenda 126
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-PAK, li hija r-riżultat ta' kunsens Ewropew, issa hija aktar siewja minn qatt qabel, minħabba l-isfidi attwali, u ta' importanza vitali fl-Ewropa kollha għal madwar 9,1 miljun azjenda agrikola fl-Unjoni Ewropea, li jfisser tnaqqis ta' 37 % meta mqabbel mal-14,4 miljun irreġistrati fl-2005;	D. billi l-PAK, li hija r-riżultat ta' kunsens Ewropew, issa hija aktar siewja minn qatt qabel, minħabba l-isfidi attwali, u ta' importanza vitali fl-Ewropa kollha għal madwar 9,1 miljun azjenda agrikola fl-Unjoni Ewropea, li jfisser tnaqqis ta' 37 % ***jew 5,3 miljun azjenda agrikola jew bħala medja kważi elf azjenda agrikola kuljum*** meta mqabbel mal-14,4 miljun irreġistrati fl-2005***, u għal madwar 8,7 miljun ruħ li jaħdmu fis-settur, b'żieda fl-istess ħin fil-konċentrazzjoni tal-art, tnaqqis fil-mudelli ta' biedja mħallta, u żieda fid-daqs medju tal-azjendi agrikoli***; ***billi l-età medja ta' dawn il-bdiewa li fadal hija ta' 57 sena; billi għalkemm is-suċċess tal-PAK jista' jitkejjel miż-żamma tal-irziezet u għalhekk tan-nies fuq l-art fil-komunitajiet agrikoli, matul l-aħħar***

deċennji, il-PAK, l-azzjoni tal-Istati Membri u politiki oħra tas-suq inkluż il-kummerċ ma rnexxilhomx iwaqqfu t-telf kontinwu tal-azjendi agrikoli; billi kważi żewġ terzi tal-azjendi agrikoli tal-UE kellhom anqas minn 5 ettari fl-2020 [1c] ***;***

_____

[1c] ***https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Farms_and_farmland_in_the_European_Union_-_statistics Fig.1***

Or. en

Emenda 127
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-PAK, li hija r-riżultat ta' kunsens Ewropew, issa hija aktar siewja minn qatt qabel, minħabba l-isfidi attwali, u ta' importanza vitali fl-Ewropa kollha għal madwar 9,1 miljun azjenda agrikola fl-Unjoni Ewropea, ***li jfisser tnaqqis*** ta' 37 % meta mqabbel mal-14,4 miljun irreġistrati fl-2005***;***	D. billi l-PAK, li hija r-riżultat ta' kunsens Ewropew, issa hija aktar siewja minn qatt qabel, minħabba l-isfidi attwali, u ta' importanza vitali fl-Ewropa kollha għal madwar 9,1 miljun azjenda agrikola fl-Unjoni Ewropea, ***jiddispjaċih għat-tnaqqis*** ta' 37 % meta mqabbel mal-14,4 miljun irreġistrati fl-2005 ***li jindika problemi strutturali fundamentali fl-agrikoltura fl-UE:***

Or. en

Emenda 128
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-PAK***, li hija r-riżultat ta' kunsens Ewropew, issa hija aktar siewja minn qatt qabel, minħabba*** l-isfidi attwali, u ta' importanza vitali fl-Ewropa kollha għal madwar 9,1 miljun azjenda agrikola fl-Unjoni Ewropea, li jfisser tnaqqis ta' 37 % meta mqabbel mal-14,4 miljun irreġistrati fl-2005;	D. billi l-PAK ***teħtieġ li tiġi ttrasformata sabiex jintlaħqu*** l-isfidi attwali ***relatati mal-klima, l-ambjent, il-ġeopolitika, is-saħħa publika u s-saħħa u l-benesseri tal-annimali***, ***hija*** u ta' importanza vitali fl-Ewropa kollha għal madwar 9,1 miljun azjenda agrikola fl-Unjoni Ewropea, li jfisser tnaqqis ta' 37 % meta mqabbel mal-14,4 miljun irreġistrati fl-2005;

Or. en

Emenda 129
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-PAK, li hija r-riżultat ta' kunsens Ewropew, issa hija aktar siewja minn qatt qabel, minħabba l-isfidi attwali, u ta' importanza vitali fl-Ewropa kollha għal madwar 9,1 miljun azjenda agrikola fl-Unjoni Ewropea, li jfisser tnaqqis ta' 37 % meta mqabbel mal-14,4 miljun irreġistrati fl-2005;	D. billi l-PAK, li hija r-riżultat ta' kunsens Ewropew, issa hija aktar siewja minn qatt qabel, minħabba l-isfidi attwali, u ta' importanza vitali fl-Ewropa kollha għal madwar 9,1 miljun azjenda agrikola fl-Unjoni Ewropea, li jfisser tnaqqis ta' 37 % meta mqabbel mal-14,4 miljun irreġistrati fl-2005;

Or. en

Emenda 130
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati mill-ġdid il-ktajjen tal-provvista

agroalimentari li huma kapaċi jiżguraw il-produttività, ir-reżiljenza u l-effiċjenza kompetittiva, speċjalment fir-rigward tal-awtonomija tal-ikel u l-inċertezzi dejjem jikbru ta' suq globali soġġett għal pressjonijiet multilaterali u nuqqas ta' stabbiltà ġeopolitika;

Or. it

Emenda 131
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi 9 minn kull 10 azjendi agrikoli tal-UE għadhom azjendi agrikoli tal-familja[1d]; billi dan il-mudell Ewropew uniku ta' biedja fuq skala żgħira għandu rwol kruċjali għall-vitalità tal-komunitajiet rurali u l-vijabbiltà ekonomika taż-żoni u r-reġjuni rurali, inkluż ir-reġjuni transfruntiera għall-ġestjoni tad-demel;
	[1d] Il-Kummissjoni Ewropea: Eurostat, Key figures on the European food chain – 2024 edition (Ċifri ewlenin dwar il-katina alimentari Ewropea – edizzjoni tal-2024), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2785/5897613

Or. en

Emenda 132
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi ż-żoni rurali tal-UE jkopru 83 % tat-territorju tal-UE u fihom jgħixu 137 miljun ruħ, u 30 % tal-popolazzjoni tal-UE tgħix f'żoni rurali, u bħala tali l-obbligu tat-tieni pilastru tal-PAK huwa kruċjali għall-iżvilupp ġenerali tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 133
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi huwa vitali li l-finanzjament mill-PAK ikun imqassam b'mod ġust, biex jiġi żgurat li l-bdiewa agroekoloġiċi żgħar u ta' daqs medju li jkunu qed jittranżizzjonaw għal produzzjoni tal-ikel sostenibbli u bbażata fuq il-pjanti jsiru l-benefiċjarji ewlenin;

Or. en

Emenda 134
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-agrikoltura hija multifunzjonali u tipprovdi servizzi soċjali importanti barra l-produzzjoni primarja fis-sens ta' beni pubbliċi li għalihom bħalissa ma jeżisti l-ebda suq;

Or. en

Emenda 135
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-PAK tipprovdi sigurtà tal-ikel u prodotti ta' kwalità għolja għall-450 miljun konsumatur fl-UE.

Or. en

Emenda 136
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***Db. billi l-Artikolu 39(2) tat-TFUE jiddikjara wkoll li fit-tfassil tal-Politika Agrikola Komuni u l-metodi speċjali għall-applikazzjoni tagħha, għandha titqies in-natura partikolari tal-attività agrikola, li tirriżulta mill-istrutturi soċjali u d-disparitajiet naturali bejn id-diversi reġjuni agrikoli;**

Or. en

Emenda 137
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi l-prattiki agrikoli jvarjaw ħafna bejn ir-reġjuni fl-Unjoni skont fatturi bħad-disponibbiltà tal-art, it-topografija u l-potenzjal agronomiku tal-ħamrija, id-disponibbiltà tax-xogħol, u l-istruttura ekonomika usa';

Or. en

Emenda 138
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dd. billi l-produzzjoni agrikola tal-UE hija diversifikata ħafna, u tinkludi firxa wiesgħa ta' għelejjel—inklużi ċereali, ħaxix, patata, għeneb, frott, u żebbuġ—kif ukoll diversi tipi ta' bhejjem bħal baqar, ħnieżer, nagħaġ, u pollam; billi dawn is-setturi jvarjaw b'mod sinifikanti fid-daqs, fil-metodi ta' produzzjoni, u huma soġġetti għal kundizzjonijiet klimatiċi, ġeoloġiċi u idroloġiċi distinti;

Or. en

Emenda 139
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa De (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	De. billi l-istudju tal-2020 mill-Kunsill Konġunt tar-Riċerka jiżvela disparitajiet reġjonali sinifikanti fl-impatti tat-tibdil fil-klima fuq il-produttività tal-għelejjel,

fejn l-Ewropa Ċentrali tat-Tramuntana potenzjalment tikseb sa 0,09 % tal-PDG taħt żieda fit-temperatura ta' 1,5°C, filwaqt li l-Ewropa tan-Nofsinhar tiffaċċja telf ta' sa 0,12 % tal-PDG taħt xenarju ta' 3°C[1e];

[1e] Il-Kummissjoni Ewropea, Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), PESETA IV: Climate Change Impacts and Adaptation in Europe (L-Impatti u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima fl-Ewropa), 2020, disponibbli fuq https://joint-research-centre.ec.europa.eu/peseta-projects/peseta-iv_en

Or. en

Emenda 140
Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi huwa meħtieġ li tinżamm l-istruttura b'żewġ pilastri tal-PAK, li tiżgura bilanċ bejn il-politika tas-suq u dik tal-produzzjoni fil-Pilastru I, u l-karatteristiċi soċjostrutturali tal-iżvilupp rurali fil-Pilastru II; billi huwa sottolinjat li l-istrumenti speċifiċi għas-setturi tal-Mediterran għandhom jibqgħu integrati fil-Pilastru I;	E. billi huwa meħtieġ li tinżamm l-istruttura b'żewġ pilastri tal-PAK, li tiżgura bilanċ bejn il-politika tas-suq u dik tal-produzzjoni fil-Pilastru I, u l-karatteristiċi soċjostrutturali tal-iżvilupp rurali fil-Pilastru II; billi huwa sottolinjat li l-istrumenti speċifiċi għas-setturi tal-Mediterran għandhom jibqgħu integrati fil-Pilastru I; ***jappella għall-introduzzjoni ta' pilastru ambjentali terzjarju u ffinanzjat ġdid, li jgħaqqad flimkien l-ekoskemi mill-pilastru 1 u l-miżuri agroambjentali-klimatiċi fil-pilastru 2, li joffri lill-bdiewa attivi l-opportunità li jinvolvu ruħhom volontarjament fi skemi ambizzjuż u bbażati fuq inċentivi marbuta mas-sostenibbiltà ambjentali, l-adozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, u t-tiġdid ġenerazzjonali.***

Or. en

Emenda 141
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi huwa meħtieġ li tinżamm l-istruttura b'żewġ pilastri tal-PAK, li tiżgura bilanċ bejn il-politika tas-suq u dik tal-produzzjoni fil-Pilastru I, u l-karatteristiċi soċjostrutturali tal-iżvilupp rurali fil-Pilastru II; billi ***huwa sottolinjat li l-istrumenti*** speċifiċi ***għas-setturi tal-Mediterran*** għandhom jibqgħu integrati fil-Pilastru I;	E. billi huwa meħtieġ li tinżamm l-istruttura b'żewġ pilastri tal-PAK, li tiżgura bilanċ bejn il-politika tas-suq u dik tal-produzzjoni fil-Pilastru I, u l-karatteristiċi soċjostrutturali tal-iżvilupp rurali fil-Pilastru II; billi strumenti speċifiċi għandhom jibqgħu integrati fil-Pilastru I***, b'mod partikolari l-miżuri tar-Regolament dwar l-OKS unika rreferew għall-produzzjonijiet ewlenin tal-Mediterran. Dawn il-miżuri għandhom jiġu estiżi għal setturi produttivi oħra, biex irawmu azzjonijiet ta' aggregazzjoni u ridistribuzzjoni ġusta tul il-katina tal-valur***

Or. en

Emenda 142
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi huwa meħtieġ li tinżamm l-istruttura b'żewġ pilastri tal-PAK, li tiżgura bilanċ bejn il-politika tas-suq u dik tal-produzzjoni fil-Pilastru I, u l-karatteristiċi soċjostrutturali tal-iżvilupp rurali fil-Pilastru II; billi huwa sottolinjat li l-istrumenti speċifiċi għas-setturi tal-Mediterran għandhom jibqgħu integrati fil-Pilastru I;	E. billi huwa meħtieġ li tinżamm l-istruttura b'żewġ pilastri tal-PAK, li tiżgura bilanċ bejn il-politika tas-suq u dik tal-produzzjoni fil-Pilastru I***, b'mod partikolari l-pagamenti diretti lejn il-bdiewa li huma kompletament iffinanzjati mill-UE***, u l-karatteristiċi soċjostrutturali tal-iżvilupp rurali fil-Pilastru II***, b'miżuri kofinanzjati sabiex jiġu indirizzati aħjar***

is-sitwazzjonijiet speċifiċi fuq bażi lokali; billi huwa sottolinjat li l-istrumenti speċifiċi għas-setturi tal-Mediterran għandhom jibqgħu integrati fil-Pilastru I;

Or. it

Emenda 143
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi ***huwa meħtieġ li tinżamm l-istruttura*** b'żewġ pilastri tal-PAK, li ***tiżgura bilanċ bejn il-politika tas-suq u dik tal-produzzjoni fil-Pilastru I, u l-karatteristiċi soċjostrutturali tal-iżvilupp rurali fil-Pilastru II***; ***billi huwa sottolinjat li l-istrumenti speċifiċi għas-setturi tal-Mediterran għandhom jibqgħu integrati fil-Pilastru I;***	E. billi ***teżisti struttura*** b'żewġ pilastri tal-PAK, li ***hija maqsuma bejn l-ewwel pilastru ffinanzjat mill-UE, li qabel kien magħruf bħala pagamenti diretti kompensatorji (li jikkumpensaw għad-dħul fis-suq ħieles tal-konformità mal-GATT/WTO), u t-tieni pilastru tal-iżvilupp rurali kkofinanzjat mill-Istati Membri u l-UE li jipprovdi programmazzjoni territorjali, azzjoni soċjali u komunitarja aktar iffokati, iżda wkoll appoġġ finanzjarju bħall-ġestjoni tar-riskju u l-assigurazzjoni, u għotjiet ta' investiment;***;

Or. en

Emenda 144
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi ***huwa meħtieġ li tinżamm*** l-istruttura ***b'żewġ pilastri tal-PAK, li tiżgura bilanċ bejn il-politika tas-suq u dik tal-produzzjoni fil-Pilastru I, u l-karatteristiċi soċjostrutturali tal-iżvilupp***	E. billi l-istruttura ***tal-pilastri tal-PAK trid tiġi aġġustata b'mod koerenti matul il-proċess ta' trasformazzjoni li għaddej lejn settur agrikolu u alimentari aktar sostenibbli, sabiex jiġi żgurat bilanċ bejn***

rurali fil-Pilastru II; billi huwa sottolinjat li l-istrumenti speċifiċi għas-setturi tal-Mediterran għandhom jibqgħu integrati fil-Pilastru I;

il-politiki tas-suq, ambjentali u ta' produzzjoni fil-Pilastru I u l-karatteristiċi soċjostrutturali tal-iżvilupp rurali fil-Pilastru II; billi huwa sottolinjat li l-istrumenti speċifiċi għas-setturi tal-Mediterran għandhom jibqgħu integrati fil-Pilastru I;

Or. en

Emenda 145
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi huwa meħtieġ li tinżamm l-istruttura b'żewġ pilastri tal-PAK, li tiżgura bilanċ bejn il-politika tas-suq u dik tal-produzzjoni fil-Pilastru I, u l-karatteristiċi soċjostrutturali tal-iżvilupp rurali fil-Pilastru II; billi huwa sottolinjat li l-istrumenti speċifiċi għas-setturi tal-Mediterran għandhom jibqgħu integrati fil-Pilastru I;	E. billi huwa meħtieġ li tinżamm l-istruttura b'żewġ pilastri tal-PAK, li tiżgura bilanċ bejn il-politika tas-suq u dik tal-produzzjoni fil-Pilastru I ***b'pagamenti diretti lill-bdiewa ffinanzjati 100 % mill-UE***, u l-karatteristiċi soċjostrutturali tal-iżvilupp rurali fil-Pilastru II ***b'miżuri kofinanzjati mfassla biex jindirizzaw l-isfidi u l-ispeċifiċitajiet lokali***; billi huwa sottolinjat li l-istrumenti speċifiċi għas-setturi tal-Mediterran għandhom jibqgħu integrati fil-Pilastru I;

Or. en

Emenda 146
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi huwa meħtieġ li tinżamm l-istruttura b'żewġ pilastri tal-PAK, li tiżgura bilanċ bejn il-politika tas-suq u dik tal-produzzjoni fil-Pilastru I, u l-	E. billi huwa meħtieġ li tinżamm l-istruttura b'żewġ pilastri tal-PAK, li tiżgura bilanċ bejn il-politika tas-suq u dik tal-produzzjoni fil-Pilastru I, u l-

karatteristiċi soċjostrutturali tal-iżvilupp rurali fil-Pilastru II; billi huwa sottolinjat li l-istrumenti speċifiċi għas-setturi tal-Mediterran għandhom jibqgħu integrati fil-Pilastru I;

	Ha. billi, skont l-Ewrobarometru tal-2023 dwar "Attitudes of Europeans towards animal welfare" (L-Attitudnijiet

tal-Ewropej lejn il-Benessri tal-Annimali), 91 % taċ-ċittadini Ewropej mistħarrġa jgħidu li huwa importanti jew importanti ħafna li jiġi protett il-benesseri tal-annimali mrobbija (eż. ħnieżer, baqar, pollam eċċ.); billi 84 % jemmnu li b'mod ġenerali l-benesseri tal-annimali mrobbija għandu jkun protett aħjar milli hu bħalissa;

Or. en

Emenda 197
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi, skont l-Ewrobarometru tal-2023 dwar l-Attitudnijiet tal-Ewropej lejn il-benesseri tal-annimali, 84 % taċ-ċittadini Ewropej jemmnu li l-benesseri tal-annimali mrobbija għandu jkun protett aħjar f'pajjiżhom u 90 % iqisu li l-prattiki tal-biedja u tat-tnissil għandhom jissodisfaw rekwiżiti etiċi bażiċi;

Or. en

Emenda 198
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi skont l-Ewrobarometru Speċjali 533 dwar "Attitudes of Europeans towards animal welfare" (L-Attitudnijiet tal-Ewropej lejn il-Benessri tal-Annimali), 84 % tal-Ewropej jemmnu

li l-benesseri tal-annimali mrobbija għandu jkun protett aħjar f'pajjiżhom milli hu bħalissa,

Or. en

Emenda 199
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli ***u t-territorji*** tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;	I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw ***standard ta' għajxien ekwu għall-popolazzjoni agrikola billi jiżdied l-introjtu,*** is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, ***il-provvista għall-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli, l-istabbiltà tas-swieq,*** kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli; ***billi jitqiesu l-karatteristiċi speċjali tal-attività agrikola, li jirriżultaw mill-istruttura soċjali u agrikola u d-differenzi strutturali u naturali bejn ir-reġjuni agrikoli varji*** tal-Unjoni**,** billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;

Or. es

Emenda 200
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-	I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-

profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;	profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali; ***billi, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza, ir-rwol strateġiku tal-agrikoltura għandu jkompli jissaħħaħ biex titqawwa l-kapaċità tal-Unjoni li tanticipa, tirrispondi għal u tirkupra minn kriżijiet li jaffettwaw is-sistemi tal-ikel, it-territorji rurali u l-infrastruttura kritika;***
	Or. en

Emenda 201
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom ***jibqgħu*** jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll ***il-profittabbiltà*** u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' ***kriżi u*** ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;	I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom ***legalment*** jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel***, l-awtonomija strateġika***, kif ukoll ***introjtu u għajxien deċenti għall-bdiewa u l-ħaddiema tal-azjendi agrikoli u komunitajiet rurali f'saħħithom, sikuri u prosperi, u l-profittabbiltà, il-ġustizzja*** u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' ***kriżijiet multipli li jinkludu t-tibdil fil-klima u l-kollass tal-bijodiversità li jheddu l-produzzjoni tal-ikel kif ukoll xenarji*** ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;
	Or. en

Emenda 202
Marion Maréchal, Sergio Berlato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;	I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali; ***billi kwalunkwe miżura ta' ritaljazzjoni għandha tevita ħsara diretta jew indiretta, fuq medda qasira jew twila ta' żmien, lis-settur agrikolu Ewropew;***

Or. en

Emenda 203
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel ***u s-sovranità*** tal-ikel, kif ukoll ***il-profittabbiltà*** u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;	I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel ***bis-saħħa tal-għodod tas-sovranità*** tal-ikel ***li huma l-organizzazzjoni tal-produtturi, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-kontroll tar-reċiproċità tal-istandards fl-iskambji,*** kif ukoll ***it-titjib fil-profittabbiltà*** u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;

Or. fr

Emenda 204
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel ***tkun linja ta' difiża kruċjali;***	I. ***I.*** billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel***, is-sovranità tal-ikel, u sistemi tal-ikel sostenibbli huma essenzjali biex iċ-ċittadini Ewropej jiksbu s-sigurtà tal-ikel.***

Or. en

Emenda 205
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;	I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni***, filwaqt li jiġu żgurati livell ta' għajxien ġust għall-bdiewa u prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi***; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;

Or. en

Emenda 206
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel ***tkun linja ta' difiża kruċjali***;	I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel ***, is-sovranità tal-ikel, u sistemi tal-ikel sostenibbli jimxu id f'id mad-difiża u s-sigurtà tal-Unjoni;***;

Or. en

Emenda 207
Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;	I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw ***li tiżdied il-produzzjoni tal-produttività agrikola,*** is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;

Or. fr

Emenda 208
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi ***u*** ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża ***kruċjali***;	I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi**,** ta' kunflitti ***u ta' inċertezza ġeopolitika***, fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża ***strateġika*** kruċjali;

Or. es

Emenda 209
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom ***jibqgħu*** jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;	I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom ***itejbu u*** jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;

Or. fr

Emenda 210
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom ***jibqgħu*** jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-	I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jiżguraw ***il-kisba tal-objettivi u l-miri biex jiġu miġġielda t-tibdil fil-klima, it-telfien***

profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; ***billi dan japplika speċjalment f'xenarji ta' kriżi u ta' kunflitti fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali;***	***tal-bijodiversità, it-tniġġis u biex jittejbu l-benesseri tal-annimali,*** is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 211
Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel ***u s-sovranità*** tal-ikel, kif ukoll ***il-profittabbiltà u s-sostenibbiltà*** tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni; ***billi dan japplika speċjalment f'xenarji*** ta' kriżi u ta' kunflitti ***fejn il-produzzjoni tal-ikel tkun linja ta' difiża kruċjali***;	I. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel***, is-sovranità*** tal-ikel, ***l-awtonomija strate[ika*** kif ukoll ***is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika*** tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-Unjoni***, speċjalment f'xenarji ta' sfidi klimatiċi,*** ta' kriżi u ta' kunflitti;

Or. en

Emenda 212
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi t-tisħiħ tas-sovranità globali tal-UE jrid jinvolvi neċessarjament il-prijoritizzazzjoni tal-agrikoltura fil-quċċata tal-aġenda ekonomika u politika, filwaqt li tiġi ppreżervata s-sigurtà tal-ikel u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-provvista, kif ukoll il-provvista ta' soluzzjonijiet tas-sostenibbiltà;

Or. it

Emenda 213
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-Unjoni Ewropea trid tpoġġi l-agrikoltura fil-qalba tal-aġenda ekonomika u politika biex tissaħħaħ is-sovranità globali tagħha, biex tippreserva s-sigurtà tal-ikel tagħha, biex iżżomm lill-UE bħala attur b'saħħtu fis-swieq internazzjonali;

Or. en

Emenda 214
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ib (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ib. billi r-ritorn tal-inflazzjoni għolja fl-UE wara l-kriżi tal-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna ħaffef l-erożjoni tal-valur ekonomiku tal-baġit tal-PAK, li se jonqos b'mill-anqas EUR 85 biljun (ekwivalenti għal sentejn ta' għajnuna diretta mill-PAK) matul il-perjodu 2021-2027 (-22 %);

Or. it

Emenda 215
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ib (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ib. billi r-ritorn ta' inflazzjoni għolja fl-UE bħala riżultat tal-kriżi tal-Covid u l-gwerra fl-Ukrajna aċċellera l-erożjoni tal-valur ekonomiku tal-baġit tal-PAK;

Or. en

Emenda 216
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;	J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri; ***billi r-reżiljenza fit-tul tal-biedja ġiet imminata minn pressjoni inflazzjonarja kumulattiva meqjusa li hija aktar minn 30 % fl-inputs agrikoli mill-2019, aggravata mill-kriżi tal-enerġija, il-gwerra fl-Ukrajna u l-avvenimenti ġeopolitiċi kurrenti;***

Or. en

Emenda 217
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-isfidi l-ġodda ***f'termini ta' sigurtà u*** awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni ***f'euro kostanti*** sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;	J. billi l-isfidi l-ġodda ***ta' ssoktar tas-sigurtà fi kriżijiet klimatiċi, tas-suq u tal-bijodiversità, awtonomija strateġika mill-importazzjonijiet u l-inputs,*** awtonomija tal-ikel, ***u l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima*** li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni ***sabiex tiġi żgurata l-firxa shiħa ta' riżultati mitluba mis-soċjetà, speċifikament fir-rigward ta' metodi agrikoli sostenibbli*** sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;

Or. en

Emenda 218
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;	J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri; ***In-nuqqas ta' aġġustament għall-inflazzjoni jista' jnaqqas il-valur tal-PAK b'54 %—telf ta' EUR 250 biljun sal-2034—u b'hekk idgħajjef serjament il-kapaċità tas-settur li jirrispondi kemm għad-domandi attwali kif ukoll futuri fl-Ewropa u lil hinn.***

Or. en

Emenda 219
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-isfidi ***l-ġodda*** f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss ***iżid*** il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;	J. billi l-isfidi f'termini ta' ***tibdil tal-klima, telfien tal-bijodiversità, tniġġis, benesseri tal-annimali,*** sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss ***jirregola aħjar u jalloka il-baġit*** għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;

Or. en

Emenda 220
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;	J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri; ***Il-QFP irid ikun reżistenti għall-inflazzjoni sabiex tinżamm l-awtonomija tal-ikel.***

Or. en

Emenda 221
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni ***f'euro*** kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;	J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni ***fi prezzijiet*** kostanti sabiex ***tiġi riflessa l-inflazzjoni li qed jesperjenza s-settur u*** jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri ***tal-UE***;

Or. es

Emenda 222
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;	J. billi***, bħala riżultat ta' inflazzjoni għolja, il-valur reali tal-appoġġ fl-ambitu tal-politika agrikola komuni naqas b'mod sinifikanti, u billi*** l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;

Or. pl

Emenda 223
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;	J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti ***biex jiġi żgurat li ma hemm l-ebda telf fil-valur reali tal-pagamenti u*** sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;

Or. ro

Emenda 224
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u ***awtonomija tal-ikel***, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb ***fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE***, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;	J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' ***tibdil tal-klima, tnaqqis tal-impronta ambjentali, tal-ikel*** sigurtà u ***awtonomija strateġika***, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti ***bħala waħda mill-prijoritajiet tal-politika tal-UE*** sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;

Or. en

Emenda 225
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri;	J. billi l-isfidi l-ġodda f'termini ta' sigurtà u awtonomija tal-ikel, li l-agrikoltura Ewropea għandha tegħleb fi ħdan il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni f'euro kostanti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri ***u l-inflazzjoni***;

Or. fr

Emenda 226
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE żdiedu marġinalment minn 1,0 % għal 1,08 % tal-ING, filwaqt li l-allokazzjonijiet għall-PAK tnaqqsu b'5 % f'termini nominali u 12 % f'termini reali meta mqabbla mal-QFP preċedenti; billi dan it-tnaqqis seħħ minkejja żieda sinifikanti fl-ambizzjoni ambjentali tal-PAK; billi n-nefqa ġenerali tal-UE fuq il-PAK naqset sostanzjalment f'dawn l-aħħar snin

Or. en

Emenda 227
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-baġit tal-PAK tnaqqas bi 28 % mill-2007 u b'60 % mis-sena 2000, parzjalment minħabba l-inflazzjoni, u li dan it-tnaqqis kellu impatt konsiderevoli fuq l-introjtu tal-bdiewa, jenfasizza l-ħtieġa li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit tal-politika agrikola komuni għal-livell inizjali tiegħu u l-indiċi tal-inflazzjoni biex jiffaċċja l-isfidi attwali u futuri;

Or. es

Emenda 228
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-baġit tal-PAK naqas bi 28 % sa mill-2007 u b'60 % sa mis-sena 2000, b'mod partikolari minħabba l-inflazzjoni, u dan it-tnaqqis kellu impatt konsiderevoli fuq l-introjtu tal-bdiewa, jisħaq fuq il-ħtieġa li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid il-baġit għall-politika agrikola komuni għal-livell inizjali tiegħu u jindiċjah mal-inflazzjoni sabiex jirrispondi għall-isfidi attwali u tal-futur;

Or. fr

Emenda 229
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi studji xjentifiċi juru li l-biedja organika għandha ħafna vantaġġi fuq il-biedja konvenzjonali u tagħti kontribut partikolarment pożittiv fl-oqsma tal-konservazzjoni tal-ilma, il-bijodiversità, il-fertilità tal-ħamrija, il-protezzjoni u l-adattament għall-klima, l-effiċjenza tar-riżorsi u l-benesseri tal-annimali[1a];
	[1a] Sanders J, Heß J (2019): Thünen Institute, p 398, Thünen Rep 65, DOI:10.3220 / REP1576488624000

Or. en

Emenda 230
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi hemm bżonn ta' baġit dedikat għall-PAK li jkun adegwat u kapaċi jtaffi l-effetti tal-inflazzjoni, filwaqt li tiġi evitata l-ġestjoni tagħha fuq bażi nazzjonali mingħajr restrizzjonijiet fuq il-mekkaniżmu ta' pagament li jikkonċerna l-kriterji ta' kondizzjonalità fil-livell tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 231
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. Meta wieħed iqis il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sovranità tal-ikel fl-Ewropa b'ikel affordabbli għall-konsumaturi u dħul ġust għall-bdiewa

Or. en

Emenda 232
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Jb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jb. billi l-Viżjoni dwar l-Agrikoltura u l-Ikel tirrikonoxxi li kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol u tal-għajxien u negozjar kollettiv aktar b'saħħtu fl-agrikoltura huma kruċjali biex titjieb l-attraenza tas-settur;

Or. en

Emenda 233
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Jb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jb. billi l-isfidi l-ġodda u l-importanza tal-PAK f'termini ta' stabbiltà tal-UE, baġit dedikat għandu jibqa' l-prijorità fid-definizzjoni l-ġdida tal-QFP.

Or. en

Emenda 234
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Jc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jc. billi proporzjon kbir mill-inqas 17-il miljun ruħ li jaħdmu fl-agrikoltura fl-UE, meta wieħed iqis il-bdiewa żgħar, il-membri tal-familja u l-ħaddiema ta' kuljum, jiffaċċjaw kundizzjonijiet ta' għajxien u ta' xogħol diffiċli b'medja ta' 32 % xogħol mhux iddikjarat u mhux iddikjarat biżżejjed madwar l-UE, 500 inċident fatali fis-sena (madwar l-UE kollha), l-ebda kopertura effettiva ta' protezzjoni soċjali f'diversi Stati Membri u numru baxx ħafna ta' spezzjonijiet; billi x-xogħol illegali u l-intermedjazzjoni tax-xogħol jaffettwaw lill-ħaddiema u lil dawk il-bdiewa kollha li jsegwu r-regoli li għalhekk huma soġġetti għal kompetizzjoni inġusta u kundizzjonijiet mhux ekwi meta mqabbla ma' azjendi li ma jikkonformawx bis-sħiħ jew Stati Membri fejn dan mhux ikkontrollat.

Or. en

Emenda 235
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Jc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jc. meta wieħed iqis l-effetti negattivi kkawżati minn inflazzjoni mgħaġġla fuq is-swieq tal-prodotti bażiċi, kif ukoll fuq il-prezzijiet tal-fatturi tal-produzzjoni u l-enerġija, fuq l-investimenti tal-bdiewa, u

fuq il-valur reali tal-fondi tal-PAK, li dgħajfu l-pożizzjoni finanzjarja tal-bdiewa u l-istabbiltà tal-irziezet tagħhom kemm fit-terminu qasir kif ukoll fit-tul;

Or. en

Emenda 236
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ***ikollha fil-mira*** persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur***;***	K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ***tindirizza l-ħtiġijiet soċjoekonomiċi, u b'hekk timmira lejn il-bdiewa attivi u, fosthom, ikunu fil-mira dawk li l-aktar jeħtiġuha u tkun immirata lejn*** persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti ***u impjiegi ta' kwalità***, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur***, is-sostenibbiltà soċjali u ambjentali u l-awtonomija tiegħu***

Or. en

Emenda 237
Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni	K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni

effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur;	effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur; ***Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-azjendi agrikoli kummerċjali u tal-familja fl-UE; Jinnota li minn 9 miljun azjenda fl-2020, ftit inqas minn 700,000 ipproduċew 76 % tal-ikel tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 238
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura ***l-profittabbiltà*** u l-kompetittività tas-settur;	K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li ***tiżgura li l-bdiewa żgħar u sostenibbli li jkunu qed jittranżizzjonaw għal produzzjoni tal-ikel sostenibbli u bbażata fuq il-pjanti jkunu l-benefiċjarji ewlenin u*** tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura ***s-sostenibbiltà, il-profittabbiltà*** u l-kompetittività tas-settur;

Or. en

Emenda 239
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni ***involuti direttament f'attività*** agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni	K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni ***li jaqilgħu l-għajxien mill-attività*** agrikola, filwaqt li ***tirrikonoxxi l-kontribut***

tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur;	***tal-intrapriżi agrikoli kollha li joperaw fis-suq, irrispettivament mid-daqs tagħhom, u*** tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur;

Or. en

Emenda 240
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur;	K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur; ***Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-bdiewa tal-familja tal-UE li huma attivi fil-produzzjoni tal-ikel fl-UE;***

Or. en

Emenda 241
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà	K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola***, inklużi l-azjendi agrikoli tal-familja, u kemm azjendi agrikoli full-time kif ukoll part-time***, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli

u l-kompetittività tas-settur;

permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur;

Or. en

Emenda 242
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura ***l-profittabbiltà*** u l-kompetittività tas-settur;	K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura ***d-durabbiltà, ir-reżiljenza, il-profittabbiltà*** u l-kompetittività tas-settur;

Or. ro

Emenda 243
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ***ikollha*** fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur;	K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ***tal-ewwel pilastru jkollha*** fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur;

Or. es

Emenda 244
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà ***u l-kompetittività*** tas-settur;	K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà***, il-kompetittività u s-sostenibbiltà*** tas-settur;

Or. en

Emenda 245
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur;	K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament f'attività agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura ***s-sostenibbiltà, il-profittabbiltà*** u l-kompetittività tas-settur;

Or. en

Emenda 246
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament ***f'attività*** agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur;	K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni involuti direttament ***fil-produzzjoni*** agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur;

Or. it

Emenda 247
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni ***involuti direttament f'attività*** agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur;	K. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-għajnuna tal-PAK ikollha fil-mira persuni ***li jaqilgħu l-għajxien mill-attività*** agrikola, filwaqt li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' ġestjoni effiċjenti, bl-għan li tiżgura l-profittabbiltà u l-kompetittività tas-settur;

Or. en

Emenda 248
Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. Jenfasizza li l-pagamenti tal-PAK għandhom ikunu diretti lejn bdiewa "attivi", jiġifieri dawk li jieħdu r-responsabbiltà finanzjarja u

organizzattiva għall-ġestjoni tan-negozju u l-produzzjoni tal-azjendi agrikoli; jiġġeneraw introjtu mill-agrikoltura, billi jbigħu prodotti individwalment jew permezz ta' kooperattivi; huma rikonoxxuti bħala tali mill-amministrazzjoni pubblika, b'livell minimu ta' edukazzjoni jew esperjenza meħtieġa - kif inhu l-każ f'ċerti Stati Membri; ifornu beni jew servizzi pubbliċi mill-attività agrikola tagħhom; u ma jirċivux pensjoni. Jirrikonoxxi l-ħtieġa għal politiki ta' rtirar aħjar għall-bdiewa u l-ħaddiema agrikoli fil-livell nazzjonali.

Or. en

Emenda 249
Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi l-bdiewa f'żoni marġinali u muntanjużi tal-UE għandhom rwol ċentrali fil-ġlieda kontra d-depopolazzjoni u l-abbandun, kif ukoll fl-iżgurar tas-sopravivenza ta' dawn it-territorji billi jipprovdu kontribut ekonomiku, soċjali u ambjentali; billi l-PAK trid tipprovdi miżuri adegwati u speċifiċi biex tappoġġa l-ħidma tagħhom f'dawn it-territorji;

Or. en

Emenda 250
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi fil-PAK għandu jiġi żgurat livell adegwat ta' appoġġ għall-promozzjoni u t-titjib tal-funzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali mwettqa mill-bdiewa f'żoni remoti u muntanjużi fl-UE biex jiġi miġġieled l-abbandun ta' territorji bħal dawn u biex jiġi ggarantit futur għalihom;

Or. en

Emenda 251
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi fil-PAK huwa ggarantit livell adegwat ta' appoġġ għall-promozzjoni u t-tisħiħ tal-funzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali mwettqa mill-bdiewa fiż-żoni remoti u muntanjużi tal-UE biex jiġi miġġieled l-abbandun ta' dawn it-territorji u jiġi ggarantit futur għalihom;

Or. it

Emenda 252
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi r-rekwiżiti attwali ta' kondizzjonalità skont il-PAK wasslu għal approċċ preskrittiv u bbażat fuq miżuri aktar milli wieħed iffukat fuq ir-riżultati; billi dan jillimita l-flessibbiltà għall-

bdiewa biex jadottaw soluzzjonijiet adattati lokalment u jdgħajjef l-innovazzjoni fil-livell tal-azjendi agrikoli;

Or. en

Emenda 253
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi fil-PAK għandu jiġi żgurat livell adegwat ta' appoġġ għall-promozzjoni u t-titjib tal-funzjonijiet ekonomiċi u soċjali mwettqa mill-bdiewa f'żoni remoti u muntanjużi fl-UE biex jiġi miġġieled l-abbandun ta' territorji bħal dawn u biex jiġi ggarantit futur għalihom;

Or. en

Emenda 254
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi fil-PAK għandu jiġi żgurat livell adegwat ta' appoġġ għall-promozzjoni u t-titjib tal-funzjonijiet ekonomiċi u soċjali mwettqa mill-bdiewa f'żoni remoti u muntanjużi fl-UE biex jiġi miġġieled l-abbandun ta' territorji bħal dawn u biex jiġi ggarantit futur għalihom;

Or. en

Emenda 255
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Kb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Kb. billi l-PAK futura, bħala l-istrument ewlieni għas-sovranità tal-ikel Ewropea, trid tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet ta' produzzjoni tagħhom fis-settur agrikolu, li huwa meqjus bħala element strateġiku għas-sigurtà tal-ikel tal-UE;

Or. en

Emenda 256
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-introjtu agrikolu għadu taħt il-medja għall-bqija tal-ekonomija fi kważi l-Istati Membri kollha, u jammonta għal 47 % tal-pagi u s-salarji grossi medji fl-ekonomija tal-UE; billi l-azjendi agrikoli mmexxija minn maniġers li għandhom l-età ta' 40 sena jew inqas għandhom l-aktar introjtu baxx bħala medja fil-livell tal-UE;	L. billi***, minkejja l-importanza vitali tal-produzzjoni tal-ikel għal 450 miljun ċittadin Ewropew,*** l-introjtu agrikolu għadu taħt il-medja għall-bqija tal-ekonomija fi kważi l-Istati Membri kollha, u jammonta għal 47 % tal-pagi u s-salarji grossi medji fl-ekonomija tal-UE; billi l-azjendi agrikoli mmexxija minn maniġers li għandhom l-età ta' 40 sena jew inqas għandhom l-aktar introjtu baxx bħala medja fil-livell tal-UE;

Or. ro

Emenda 257
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
għas-sigurtà tal-provvista tal-ikel, is-saħħa pubblika u l-ħarsien ambjentali, f'konformità mal-politiki tal-Unjoni, biex jingħataw inċentivi u kumpens lill-bdiewa għall-kontribut tagħhom u jiġu megħjuna permezz ta' tnaqqis fil-piżijiet regolatorji u amministrattivi bla bżonn fil-miżuri li jwettqu;

provvista tal-ikel, is-saħħa pubblika u l-ħarsien ambjentali, f'konformità mal-politiki tal-Unjoni, biex jingħataw inċentivi u kumpens lill-bdiewa għall-kontribut tagħhom u jiġu megħjuna permezz ta' tnaqqis fil-piżijiet regolatorji u amministrattivi bla bżonn fil-miżuri li jwettqu;

Or. en

Emenda 309
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi l-bdiewa u l-biedja f'żoni rurali jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal irħula vitali u l-preżervazzjoni tal-pajsaġġi kulturali diversi u attraenti tagħna fl-Ewropa, iżda jistgħu jissodisfaw dawn il-kompiti u d-domandi soċjalment importanti biss jekk il-kundizzjonijiet ikunu favorevoli, u b'hekk qafas legali affidabbli u prevedibbli kif ukoll rekwiżiti raġonevoli huma kruċjali, sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jiġġeneraw dħul adegwat bix-xogħol tagħhom u s-servizzi li fl-aħħar mill-aħħar jipprovdu liż-żoni rurali li joperaw fihom kif ukoll lis-soċjetà u lill-Ewropa kollha kemm hi;

Or. en

Emenda 310
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi l-avvanzi teknoloġiċi u diġitali jagħmluha possibbli li l-kontrolli fuq il-post jiġu sostitwiti b'kontrolli bbażati fuq it-telerilevament, bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati bħall-ġeosatelliti u għodod oħra ta' monitoraġġ bis-satellita, li jistgħu jiżguraw proċess aktar effiċjenti, aktar trasparenti u b'ħeffa akbar u jnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi għall-bdiewa u għall-awtoritajiet kompetenti;

Or. ro

Emenda 311
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi s-simplifikazzjoni ma għandhiex tiġi konfuża mad-deregolamentazzjoni u t-tnaqqis tal-istandards; minflok, għandha tkun iggwidata mill-iskop li l-PAK issir aktar trasparenti, koerenti, u aktar reattiva għall-bdiewa, il-ħaddiema tal-azjendi agrikoli, iċ-ċittadini, u t-tibdil fil-klima, u n-nuqqas ta' distinzjoni bejn is-simplifikazzjoni pożittiva u d-deregolamentazzjoni jhedded il-kredibbiltà u l-effettività tal-PAK;

Or. en

Emenda 312
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi waħda mill-prekundizzjonijiet għal produzzjoni agrikola ta' suċċess huma komunitajiet rurali b'saħħithom b'servizzi pubbliċi u infrastruttura ta' kwalità għolja u l-PAK għandha obbligu u għan li ssaħħaħ is-sostenibbiltà soċjali, ambjentali u ekonomika taż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 313
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi s-servizzi tal-ekosistema fil-qafas tal-PAK jistgħu jkunu inċentiv siewi għall-bdiewa biex jinvestu fil-pajsaġġ; billi l-livell attwali ta' remunerazzjoni taħt is-servizzi tal-ekosistema wera li f'ħafna każijiet ma kienx biżżejjed biex ikopri l-kostijiet attwali jew jistimula l-adozzjoni fuq skala kbira;

Or. en

Emenda 314
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi titqies il-ħtieġa li jiġi pprojbit ix-xiri ta' prodotti agrikoli b'kost ta' produzzjoni taħt il-medja sabiex jiġu ggarantiti prezzijiet remunerattivi għall-bdiewa;

Or. fr

Emenda 315
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;	***imħassar***

Or. en

Emenda 316
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;	P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq; ***jissottolinja, f'dan il-kuntest, l-importanza***

li tiġi żgurata trasparenza akbar fil-formazzjoni tal-prezzijiet tul il-katina tal-provvista agroalimentari, kif ukoll li l-konsumaturi jiġu infurmati b'mod ċar dwar il-prezzijiet finali, u dan jippermettilhom jifhmu kemm mill-ammont imħallas fil-fatt jilħaq lill-bdiewa u lil kull parti tal-katina; isostni li dan l-għarfien huwa essenzjali biex tiġi promossa katina aktar ġusta, aktar konxja u aktar ibbilanċjata; jissuġġerixxi, għalhekk, impenn akbar għall-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari tal-UE, flimkien mal-kontropartijiet nazzjonali u/jew reġjonali, bil-kapaċità li tinġabar, tiġi analizzata u mxerrda data aġġornata dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni, il-marġnijiet tad-distribuzzjoni u l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet mill-produttur lill-konsumatur finali, li jikkontribwixxi għall-ekwità, għall-obbligu ta' rendikont u għat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat fil-livell Ewropew u nazzjonali, u għalhekk għandu jkollu setgħat ta' sanzjonar direttament jew permezz ta' kooperazzjoni ma' korpi oħra;

Or. pt

Emenda 317
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu ***r-riskji*** u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-	P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti***, motivati*** u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi ***u interventi*** li jipprevjenu ***l-impatti tar-riskji*** u l-kriżijiet ***jew li jkopru r-riskji finanzjarji meħuda***; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux

kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;	fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK ***bħall-kummerċ*** u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq; ***billi l-ktajjen tal-provvista lokali jeħtieġ li jissaħħu, flimkien ma' approċċ speċjali għal azjendi agrikoli żgħar, ibbażati fuq il-komunità u appoġġati mill-komunità u agroekoloġiċi;***

Or. en

Emenda 318
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa ***jridu*** jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;	P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari***, b'rikonoxximent kif xieraq tar-rwol tagħhom,*** u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa ***tul il-katina tal-valur iridu*** jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq***, sa mill-konformità sħiħa mal-liġi tal-UE dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel;***;

Or. en

Emenda 319
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;	P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari***, b'rikonoxximent kif xieraq tar-rwol tagħhom,*** u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa ***tul il-katina tal-valur iridu*** jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq***, sa mill-konformità sħiħa mal-liġi tal-UE dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel;***;

Or. en

Emenda 320
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;	P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq; ***hija meħtieġa aktar enfasi fuq il-ktajjen tal-provvista lokali, flimkien ma' approċċ***

speċjali għal azjendi agrikoli żgħar u tal-familja, azjendi agrikoli bbażati fil-komunità, prattiki agroekoloġiċi;

Or. en

Emenda 321
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux ***fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK*** u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;	P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, ***il-pagament ġust għall-prodotti agrikoli*** u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux ***fl-ambitu tal-bdiewa, bħal l-impatti tal-kriżi tas-suq jew id-diżastri naturali*** u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;

Or. es

Emenda 322
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina ***alimentari*** u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, ***u jitħeġġu inċentivi li*** jipprevjenu r-riskji u l-	P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina ***tal-provvista agroalimentari*** u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, ***filwaqt li***

kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;

jiggarantixxu konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni dwar prattiki kummerċjali żleali u jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw ***is-sostenibbiltà,*** il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;

Or. en

Emenda 323
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u ***tiġi żgurata l-kompetizzjoni*** ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa ***jridu*** jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;	P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u ***jiġu żgurati l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni*** ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa***, bħall-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, iridu*** jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;

Or. ro

Emenda 324
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari	P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa ***żgħar u medji*** fil-

u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;	katina alimentari u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu inċentivi li jipprevjenu r-riskji u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;

Or. en

Emenda 325
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari ***u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku*** permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu ***inċentivi li jipprevjenu r-riskji*** u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;	P. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet tas-settur, u jitħeġġu ***għodod ta' ġestjoni aħjar tar-riskji*** u l-kriżijiet; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;

Or. es

Emenda 326
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Pa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Pa. billi huwa importanti li l-atturi kollha fil-katina alimentari jkunu involuti fit-trasformazzjoni meħtieġa tas-settur, b'mod partikolari l-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut;

Or. en

Emenda 327
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħata l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;	Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħata l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu; ***jenfasizza wkoll f'dan il-kuntest il-fenomenu tal-konċentrazzjoni tal-art jew ta' "ħtif tal-art"; ifakkar li l-art hija riżorsa li qed issir dejjem aktar skarsa, li ma tistax tiġġedded, u billi hija l-bażi tad-dritt tal-bniedem għal ikel tajjeb għas-saħħa u sufiċjenti u ta' bosta servizzi ekosistemiċi li huma essenzjali għas-sopravivenza, u għaldaqstant ma għandhiex tiġi ttrattata bħala oġġett ta' merkanzija ordinarja; jinnota li l-art hija mhedda, minn naħa, mit-telf tal-art agrikola permezz tas-siġġillar tal-ħamrija,***

l-iżvilupp urban, it-turiżmu, il-proġetti ta' infrastruttura, u t-tixrid tad-dežertifikazzjoni kkawżat mit-tibdil fil-klima, u, min-naħa l-oħra, mill-konċentrazzjoni tal-art f'idejn impriżi agrikoli kbar u investituri minn barra s-settur agrikolu; jemmen ferm li t-theġġiġ lin-nies sabiex jibqgħu fiż-żoni rurali u li jingħataw il-possibbiltà li jaħdmu f'dawk iż-żoni għandhom impatt pożittiv fit-tul fuq l-infrastruttura soċjoekonomika taż-żoni rurali, is-sigurtà tal-ikel, is-sovranità alimentari u l-preżervazzjoni tal-mod ta' għajxien rurali

Or. en

Emenda 328
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;	Q. billi l-prezz***, il-konċentrazzjoni [2a], l-urbanizzazzjoni [1a] , l-issiġillar tal-ħamrija [2b],*** u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, ***diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' ġeneru,*** u l-effetti tat-tibdil fil-klima***, id-dipendenza fuq l-inputs u l-kostijiet tal-produzzjoni assoċjati*** jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;

[1a] Artifiċjalizzazzjoni u Urbanizzazzjoni, teħid (nett) tal-art - EEA: https://www.eea.europa.eu/en/analysis/maps-and-charts/land-take-statistics-dashboards?activeTab=8a280073-bf94-4717-b3e2-1374b57ca99d

[2a] Kważi żewġ terzi tal-azjendi agrikoli tal-UE kienu iżgħar minn 5 ettari fl-2020. Fit-tarf l-ieħor tal-iskala tal-produzzjoni, 7,5 % tal-azjendi agrikoli tal-UE kellhom daqs ta' 50 ettaru jew akbar u koprew 68,2 % tal-erja agrikola utilizzata (EAU) tal-UE. – https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Farms_and_farmland_in_the_European_Union_-_statistics

[2b] EEA https://www.eea.europa.eu/data-and-maps/indicators/imperviousness-change-2/assessment

Or. en

Emenda 329
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;	Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli ***fir-rigward tal-investimenti u r-riskji appoġġjati***, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima ***u d-deregolarizzazzjoni tas-swieq agrikoli Ewropej*** jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-

	parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;

Or. fr

Emenda 330
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;	Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi ***u ta' akkumpanjament*** u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu***, b'attenzjoni speċjali għan-nisa***;

Or. es

Emenda 331
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-	Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ***l-isfidi strutturali li jiffaċċjaw iż-żoni rurali,*** ir-rekwiżiti amministrattivi u l-

ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;	immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;
	Or. ro

Emenda 332
Benoit Cassart, Elsi Katainen, Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;	Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima ***u l-multiplikazzjoni ta' mard li jinġarr minn vettur*** jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;
	Or. en

Emenda 333
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;	Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, ***speċjalment għan-nisa u għall-bdiewa żgħażagħ,*** għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;

Or. en

Emenda 334
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, ***bħan-nuqqas*** ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;	Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, ***bħall-intensifikazzjoni, nuqqas*** ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;

Or. en

Emenda 335
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;	Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli, ir-rekwiżiti amministrattivi u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ***, nisa*** u ġodda fis-settur agrikolu;

Or. it

Emenda 336
Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli***, ir-rekwiżiti*** amministrattivi ***u l-immaġni tas-settur agrikolu ġew identifikati bħala*** l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa	Q. billi l-prezz u d-disponibbiltà limitata tal-art, il-profittabbiltà ġeneralment baxxa tal-attivitajiet agrikoli ***u r-rekwiżiti*** amministrattivi ***huma fost*** l-ostakli ewlenin biex wieħed isir bidwi***, speċjalment għan-nisa u ż-żgħażagħ***; billi għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' kapital proprju, l-aċċess diffiċli għall-kreditu, għas-servizzi tekniċi u għall-miżuri ta' appoġġ, u l-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostakli importanti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa

żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;	żgħażagħ u ġodda fis-settur agrikolu;

Or. en

Emenda 337
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi l-agrikoltura tirrappreżenta madwar 10 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE, bil-bhejjem ruminanti responsabbli għal madwar nofs dan is-sehem; billi l-emissjonijiet tal-metanu mir-ruminanti huma parti miċ-ċiklu qasir tal-karbonju bijoġeniku, kif rikonoxxut f'metriki alternattivi bħall-GWP*; billi l-mergħat immaniġġjati tajjeb jikkontribwixxu għas-sekwestru tal-karbonju u jippermettu l-konverżjoni tal-bijomassa mhux tajba għall-ikel fi proteini ta' kwalità għolja, u b'hekk jappoġġaw kemm l-objettivi klimatiċi kif ukoll is-sigurtà globali tal-ikel; billi investimenti mmirati f'tekniki ta' tnissil u soluzzjonijiet innovattivi oħra jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet mill-bhejjem filwaqt li jissalvagwardjaw il-produttività u l-benesseri tal-annimali — kif rikonoxxut ukoll mill-FAO.[1p]
	[1p] FAO. 2023. Pathways towards lower emissions – A global assessment of the greenhouse gas emissions and mitigation options from livestock agrifood systems (Perkorsi lejn anqas emissjonijiet – Valutazzjoni globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-għażliet ta' mitigazzjoni mis-sistemi agroalimentari tal-bhejjem). Ruma https://doi.org/10.4060/cc9029en

Or. en

Emenda 338
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qb. billi l-kultivazzjoni karbonika għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi tal-UE billi tħeġġeġ is-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa; billi approċċi bħal dawn iridu jkunu mfassla b'mod li jappoġġa l-investiment fl-innovazzjoni teknoloġika u agronomika, u ma għandhomx jinċentivaw l-irtirar fuq skala kbira ta' raba' produttiv mill-użu, li jista' jdgħajjef is-sigurtà tal-ikel, l-azjendi agrikoli tal-familja u l-ekonomiji rurali;

Or. en

Emenda 339
Barry Cowen, Charles Goerens, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-bdiewa żgħażagħ u ġodda għandhom probabbiltà akbar li jintroduċu ideat kummerċjali innovattivi, japplikaw teknoloġiji u metodi ta' produzzjoni ġodda u jimplimentaw prattiki tal-biedja sostenibbli;	R. billi l-bdiewa żgħażagħ u ġodda għandhom probabbiltà akbar li jintroduċu ideat kummerċjali innovattivi, japplikaw teknoloġiji u metodi ta' produzzjoni ġodda u jimplimentaw prattiki tal-biedja sostenibbli; ***Jinnota l-potenzjal għal skemi msaħħa fi ħdan pjanijiet strateġiċi nazzjonali biex jikkombinaw is-sostenibbiltà, l-applikazzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi ġodda, u shubijiet bejn ġenerazzjonijiet ta' bdiewa żgħażagħ u dawk akbar fl-età biex jinkoraġġixxu s-suċċessjoni.***

Or. en

Emenda 340
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-bdiewa żgħażagħ u ġodda għandhom probabbiltà akbar li jintroduċu ideat kummerċjali innovattivi, japplikaw teknoloġiji u metodi ta' produzzjoni ġodda u jimplimentaw prattiki tal-biedja sostenibbli;	R. billi l-bdiewa żgħażagħ u ġodda għandhom probabbiltà akbar li jintroduċu ideat kummerċjali innovattivi, japplikaw teknoloġiji u metodi ta' produzzjoni ġodda u jimplimentaw prattiki tal-biedja sostenibbli***, bħala xprunaturi għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp sostenibbli fl-agrikoltura u fil-forestrija***;

Or. ro

Emenda 341
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-bdiewa żgħażagħ u ġodda għandhom probabbiltà akbar li jintroduċu ideat kummerċjali innovattivi, japplikaw teknoloġiji u metodi ta' produzzjoni ġodda u jimplimentaw prattiki tal-biedja sostenibbli;	R. billi l-bdiewa żgħażagħ u ġodda għandhom probabbiltà akbar li jintroduċu ideat kummerċjali innovattivi, japplikaw teknoloġiji u metodi ta' produzzjoni ġodda u jimplimentaw prattiki tal-biedja sostenibbli ***agroekoloġiċi, organiċi jew oħrajn***;

Or. en

Emenda 342
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-bdiewa żgħażagħ u ġodda għandhom probabbiltà akbar li jintroduċu ideat kummerċjali innovattivi, japplikaw teknoloġiji u metodi ta' produzzjoni ġodda u jimplimentaw prattiki tal-biedja sostenibbli;	R. billi l-bdiewa żgħażagħ u ġodda għandhom probabbiltà akbar li jintroduċu ideat kummerċjali innovattivi, japplikaw teknoloġiji u metodi ta' produzzjoni ġodda u jimplimentaw prattiki tal-biedja sostenibbli ***u bbażati fuq il-pjanti***;

Or. en

Emenda 343
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-bdiewa żgħażagħ u ġodda għandhom probabbiltà akbar li jintroduċu ideat kummerċjali innovattivi, japplikaw teknoloġiji u metodi ta' produzzjoni ġodda u jimplimentaw prattiki tal-biedja sostenibbli;	R. billi l-bdiewa żgħażagħ***, nisa*** u ġodda għandhom probabbiltà akbar li jintroduċu ideat kummerċjali innovattivi, japplikaw teknoloġiji u metodi ta' produzzjoni ġodda u jimplimentaw prattiki tal-biedja sostenibbli;

Or. en

Emenda 344
Camilla Laureti, Dario Nardella, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-bdiewa żgħażagħ u ġodda għandhom probabbiltà akbar li jintroduċu ideat ***kummerċjali innovattivi, japplikaw*** teknoloġiji ***u metodi ta' produzzjoni ġodda u*** jimplimentaw prattiki tal-biedja sostenibbli;	R. billi l-bdiewa ***nisa,*** żgħażagħ u ġodda għandhom probabbiltà akbar li jintroduċu ideat ***u*** teknoloġiji ***kummerċjali innovattivi kif ukoll li*** jimplimentaw prattiki ***u metodi*** tal-biedja sostenibbli;

Or. en

Emenda 345
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi l-ktajjen tal-valur rurali ġodda fil-bijoekonomija jistgħu joffru tkabbir tajjeb u potenzjal biex jinħolqu l-impjiegi u swieq ġodda fiż-żoni rurali;	S. billi l-ktajjen tal-valur rurali ġodda fil-bijoekonomija jistgħu joffru tkabbir tajjeb u potenzjal biex jinħolqu l-impjiegi u swieq ġodda fiż-żoni rurali; ***billi s-suf prodott u pproċessat lokalment u fibri naturali oħra jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-ekonomija rurali filwaqt li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ambjentali u l-ekonomija ċirkolari;***

Or. en

Emenda 346
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi l-ktajjen tal-valur rurali ġodda fil-bijoekonomija jistgħu joffru tkabbir tajjeb u potenzjal biex jinħolqu l-impjiegi u swieq ġodda fiż-żoni rurali;	S. billi l-ktajjen tal-valur rurali ġodda fil-bijoekonomija jistgħu joffru tkabbir tajjeb u potenzjal biex jinħolqu l-impjiegi u swieq ġodda fiż-żoni rurali***, bil-kundizzjoni li tiġi rrispettata ġerarkija ta' użu fejn l-ikel tal-bniedem u tal-annimali jiġi qabel l-użu enerġetiku tal-prodotti agrikoli***;

Or. fr

Emenda 347
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi l-ktajjen tal-valur rurali ġodda fil-bijoekonomija jistgħu joffru ***tkabbir tajjeb u potenzjal biex jinħolqu*** l-impjiegi u ***swieq ġodda fiż-żoni rurali***;	S. billi l-ktajjen tal-valur rurali ġodda fil-bijoekonomija jistgħu joffru ***opportunitajiet ġodda ta' negozju li jiddiversifikaw is-sorsi ta' introjtu għas-settur agrikoli bil-possibbiltà li jinħolqu*** l-impjiegi u ***l-intraprenditorija rurali, b'użu aħjar tal-prodotti sekondarji agrikoli***;

Or. es

Emenda 348
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi l-ktajjen tal-valur rurali ġodda ***fil-bijoekonomija*** jistgħu joffru tkabbir tajjeb u potenzjal biex jinħolqu l-impjiegi u swieq ġodda fiż-żoni rurali;	S. billi l-ktajjen tal-valur rurali ġodda ***fil-katina alimentari*** jistgħu joffru tkabbir tajjeb u potenzjal biex jinħolqu l-impjiegi u swieq ġodda fiż-żoni rurali;

Or. en